



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2011/0434(COD)

30.3.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar
ċerti miżuri fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli għall-
iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut
(COM(2011)0888 – C7-0508/2011 – 2011/0434(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Maurice Ponga

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Din il-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni għandha l-għan li tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati ħalli tassew jiġi implimentat sajd sostenibbli li jiżgura kemm il-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut kif ukoll l-użu ottimali ta' dawn l-istokkijiet.

Għal dan il-għan, jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea jkollha għad-dispożizzjoni tagħha strumenti adegwati u effikaċi biex tissanzjona Stati li jkunu responsabbli għal miżuri u Prattiki li jwasslu biex l-istokkijiet jiġu sfruttati żżejjed, jew li ma jikkooperawx *bona fide* biex jieħdu miżuri adegwati ta' ġestjoni.

Ir-regolament il-ġdid, kif ippreżentat mill-Kummissjoni Ewropea, jipprovdi diversi miżuri bil-għan li jissanzjonaw pajjiżi li jawtorizzaw sajd mhux sostenibbli, u dan bil-ħsieb li tkun iggarantita l-vijabbiltà fit-tul tal-istokkijiet tal-ħut ta' interess komuni għall-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi terzi.

Jeħtieġ, b'mod partikolari, li:

- jiġu imposti restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni fl-Unjoni ta' ħut u prodotti tal-ħut maqbuda taħt il-kontroll ta' pajjiż li jawtorizza s-sajd mhux sostenibbli, jew inkella restrizzjonijiet fuq l-użu tal-portijiet tal-Unjoni minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' pajjiż li jawtorizza s-sajd mhux sostenibbli;
- l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni la jitħallew jixtru bastimenti li jtajru l-bandiera ta' pajjiż li jawtorizza s-sajd mhux sostenibbli u lanqas jittrasferixxu bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru għall-bandiera ta' pajjiż li jawtorizza s-sajd mhux sostenibbli;
- tkun projbita l-esportazzjoni ta' bastimenti tas-sajd jew ta' rkaptu u tagħmir tas-sajd lejn pajjiż li jawtorizza s-sajd mhux sostenibbli;
- jkun hemm projbizzjoni tal-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali privati tas-sajd ma' pajjiżi li jawtorizzaw is-sajd mhux sostenibbli, kif ukoll ta' operazzjonijiet konġunti tas-sajd li fihom jieħdu sehem bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' pajjiż li jawtorizza s-sajd mhux sostenibbli.

Ir-rapporteur iqis li dan ir-regolament il-ġdid jikkontribwixxi għall-promozzjoni u l-implimentazzjoni tas-sajd sostenibbli u responsabbi fil-livell dinji, u li huwa konness mill-qrib mar-regolament dwar il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux dikjarat u mhux regolat. Għaldaqstant lill-Kummissjoni jifirħilha tal-inizjattiva tagħha f'dan ir-rigward.

Madankollu, ir-rapporteur jidhirlu li, f'għieħ il-koerenza tal-politiki mal-oġettivi tal-politika tal-iżvilupp, kif jipprovdi l-Artikolu 208 tat-TFUE, jeħtieġ li jkun żgurat li l-miżuri meħuda fil-politika tas-sajd u l-politika tal-kummerċ ikunu komplimentari u koerenti mal-miżuri mħaddma fil-politika tal-iżvilupp. Konsegwentement, fil-fehma tar-rapporteur, jeħtieġ li jsir provvediment ta' miżuri partikolari għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex jitqiesu debitament il-kapaċitajiet finanzjarji, tekniċi u materjali tagħhom, kif ukoll htigjiethom.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur iqis li jeħtieġ li tiddaħħal klawsola ta' rieżami bil-għan li jingħarblu l-effikaċja u l-pertinenza tar-regolament, u li, jekk ikun hemm bżonn, jitressqu l-emendi rilevanti.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi definit it-tip ta' miżuri li jistgħu jittieħdu fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli u li jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet ġenerali għall-adozzjoni ta' dawn il-miżuri sabiex ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, filwaqt li jkunu ekwitabbli, kost-effettivi u kompatibbli mal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-Ftehim li jstabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Emenda

(5) Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi definit it-tip ta' miżuri li jistgħu jittieħdu fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli u li jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet ġenerali għall-adozzjoni ta' dawn il-miżuri sabiex ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, filwaqt li jkunu ekwitabbli, kost-effettivi u kompatibbli mal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-Ftehim li jstabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. ***Dawn il-miżuri għandhom iqisu b'mod partikolari l-livell ta' żvilupp u l-vulnerabbiltà tal-pajjiż ikkonċernat.***

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jittieħed inkonsiderazzjoni l-livell tal-iżvilupp u l-vulnerabbiltà tal-pajjiż li jitiqes li qed jawtorizza s-sajd mhux sostenibbli. Effettivament, ma jistax ikun li l-istess esiġenzi jkunu imposti fuq pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Il-ftehim tal-1995 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-baħar tal-1982 dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut Ferm Migratorju jipprovdi fil-Parti VII tiegħu dispożizzjonijiet partikolari għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. ***Meta tiġi biex*** tadotta l-miżuri skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha

Emenda

4. ***Qabel ma*** tadotta l-miżuri skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha

tevalwa l-effetti ambjentali, kummerċjali, ekonomiċi u soċjali ta' dawk il-miżuri fuq perjodu ta' żmien qasir jew twil, kif ukoll il-piż amministrattiv assoċjat mal-implimentazzjoni tagħhom.

tevalwa l-effetti ambjentali, kummerċjali, ekonomiċi u soċjali ta' dawk il-miżuri fuq perjodu ta' żmien qasir jew twil, kif ukoll il-piż amministrattiv assoċjat mal-implimentazzjoni tagħhom. ***Fl-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis kif jixraq il-livell tal-iżvilupp tal-pajjiż ikkonċernat, il-vulnerabbiltà u l-kapaċitajiet finanzjarji, materjali u tekniċi tiegħu, kif ukoll il-konsegwenzi tal-miżuri msemmija fuq il-politiki tal-iżvilupp li jistgħu jiġu implimentati f'dak il-pajjiż.***

(In-numerazzjoni żbaljata fil-verżjoni Franċiża tal-proposta tal-Kummissjoni għandha tiġi kkoreġuta.)

Ġustifikazzjoni

Huwa ta' importanza kruċjali l-Kummissjoni, meta tagħmel l-evalwazzjoni, tikkunsidra s-sitwazzjoni partikolari tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-azzjonijiet meħuda f'dawn il-pajjiżi taħt il-politika tal-iżvilupp. Effettivament, il-miżuri għandhom ikunu komplimentari u koerenti.

Emenda 3

Proposta għal regolament Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 8 a

Rieżami u rappurtar dwar l-implimentazzjoni

Sa ...* u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Ir-rapport għandu jivvaluta b'mod partikolari:

- il-pajjiżi li fir-rigward tagħhom ġew adottati xi miżuri;

- il-miżuri adottati mill-Kummissjoni;

- il-korrezzjonijiet imwettqa mill-pajjiżi li dwarhom ittiegħdu miżuri; kif ukoll

- l-effetti li l-miżuri adotatti kellhom fuq is-sostenibbiltà tas-sajd.

Jekk dan ikun f'loku, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta għal emendi għal dan ir-Regolament.

*** ĠU Għandha tiddaħħal data: sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.**

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li tkun provduta klawsola ta' rieżami biex il-Parlament Ewropew ikun jista' jemenda r-Regolament, jekk ikun hemm bżonn, bil-għan li jirrispondi għad-diffikultajiet u l-ostakli li jkunu nqalgħu fl-applikazzjoni tiegħu.

PROĊEDURA

Titolu	Ċerti miżuri fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut
Referenzi	COM(2011)0888 – C7-0508/2011 – 2011/0434(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 17.1.2012
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 17.1.2012
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Maurice Ponga 10.2.2012
Eżami fil-kumitat	1.3.2012
Data tal-adozzjoni	27.3.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Michael Cashman, Ricardo Cortés Lastra, Corina Crețu, Nirj Deva, Leonidas Donskis, Charles Goerens, Catherine Grèze, Filip Kaczmarek, Franziska Keller, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Bill Newton Dunn, Maurice Ponga, Birgit Schieber-Jastram, Michèle Striffler, Alf Svensson, Eleni Theoharous, Patrice Tirolien, Ivo Vajgl, Anna Záborská, Iva Zanicchi, Gabriele Zimmer
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Enrique Guerrero Salom, Edvard Kožušník, Cristian Dan Preda, Patrizia Toia